# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 3 ta' Lulju, 2001**

**Numru : 13**
**Citaz. Numru : 550/01/RCP**

**Alfred Falzon, John Falzon u Godwin Falzon f'isimhom proprju u ghall-HLB Falzon & Falzon**

**vs**

**Losreyes Limited.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi nomine premettew:

Illi s-socjeta` konvenuta ghandha taghti lill-atturi proprio u nomine s-somma ta' elf, tlett mija u disgha u sittin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm1,369.70c) import ta' prezz ta' xoghol ta' *accounts* u *audit* u

xoghol iehor relatat prestat mill-atturi pro. et noe. lis-socjeta` attrici, flimkien mal-imghax legali mid-data tac-citazzjoni, liema dejn hu cert, likwidu u skadut, u dan kif jirrizulta mill-prospett Dok B.

Illi fil-fehma tal-atturi pro et noe is-socjeta` konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghall-hlas tal-ammont mitlub u ghalhekk hu l-kaz li din il-Qorti tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-art 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi interpellata ghall-hlas, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

L-istess atturi proprio et nomine talbu li s-socjeta` konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandiex din il-Qorti:

1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta li thallas lill-atturi pro et noe is-somma ta' elf, tlett mija u disgha u sittin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm1,369.70) flimkien mal-imghax legali mid-data tac-citazzjoni, import ta' prezz ta' xoghol ta' *accounts*, *audit* u xoghol

iehor relatat, kif jirrizulta mill-prospett (Dok B) prestat mill-atturi pro et noe lis-socjeta` konvenuta.

Bl-ispejjez – komprizi dawk tal-ittra legali tat-3 ta' Jannar 2001 (Lm5.75c) kontra s-socjeta` konvenuta – li tibqa' ingunta minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit ta' Alfred Falzon u d-dokumenti l-ohra.

Rat li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehret.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** b'dan illi:

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta li thallas lill-atturi pro et noe is-somma ta' elf, tlett mija u disgha u sittin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm1,369.70) flimkien mal-imghax legali mid-data tac-citazzjoni, import ta' prezz ta' xoghol ta' *accounts*, *audit* u xoghol

iehor relatat, kif jirrizulta mill-prospett (Dok B) prestat mill-atturi pro et noe lis-socjeta` konvenuta.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali tat-3 ta' Jannar 2001 (Lm5.75c) kontra s-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**3 ta' Lulju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**3 ta' Lulju, 2001**